— prinċipalment, tannulla l-artikoli segwenti tad-deċiżjoni kkontestata:

— Artikolu 1(c),

— Artikolu 2(c);

— sussidjarjament, tnaqqas sostanzjalment il-multa imposta fuq ir-rikorrenti;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż kollha, inkluż dawk inkorsi mir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali;

— fil-każ fejn tqis li l-proċeduri huma tali li l-kawża ma hijiex definittivament *res judicata*, tirrinvija l-kawża quddiem awla tal-Qorti Ġenerali komposta b'mod differenti u tirriżerva l-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Ir-rikorrenti tqajjem erba' aggravji insostenn tal-appell tagħha.

L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq il-ksur mill-Qorti Ġenerali tar-regoli dwar il-motivazzjoni u d-drittijiet tad-difiża fil-kuntest tal-analiżi tal-eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti ta' Areva SA fuq Areva T&D SA u Areva T&D AG matul il-perijodu bejn id-9 ta' Jannar u l-11 ta' Mejju 2004. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tosserva li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikoli 36 u 53 tal-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (l-obbligu għall-Qorti Ġenerali li timmotiva s-sentenza tagħha) peress li fil-punt 150 tas-sentenza kkontestata, hija ssostitwiet ir-raġunament tagħha għal dak tal-Kummissjoni billi żiedet *a posteriori* għad-deċiżjoni inkwistjoni motivi li ma humiex fiha. Ir-rikorrenti tosserva wkoll li l-Qorti Ġenerali kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha sa fejn l-argumenti tagħha ma jippermettux li jinftiehmu r-raġunijiet għalfejn ma laqgħetx l-argumenti tar-rikorrenti. Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti tosserva li l-Qorti Ġenerali kisret id-drittijiet tad-difiża ta' Areva SA billi imponitilha *probatio diabolica* fil-kuntest tal-prova tan-nuqqas ta' eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti min-naħa tal-kumpannija parent fuq is-sussidjarji tagħha u billi rrifjutatilha l-possibbiltà li tesprimi ruħha fuq l-argumenti l-ġodda li hija żiedet għad-deċiżjoni inkwistjoni.

It-tieni aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi fl-applikazzjoni tar-regoli dwar is-solidarjetà għall-ħlas tal-multi, li għandu bħala konsegwenza ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali u tal-individwalità tal-pieni. Ir-rikorrenti ssostni li, billi imponiet multi li għandhom l-effett li joħolqu solidarjeta "ta' fatt" bejn żewġ kumpanniji li qatt ma għamlu parti mill-istess unità ekonomika, il-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipji msemmija iktar 'il fuq.

It-tielet aggravju huwa bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata mill-Qorti Ġenerali tar-regoli dwar id-delega illegali tas-setgħat tal-Kummissjoni, ta' nuqqasijiet ta' motivazzjoni mill-Qorti Ġenerali u tal-ksur tal-prinċipju ta' individwalità tal-pieni u tas-sanzjonijiet għal nuqqas ta' attribuzzjoni ċara tar-responsabbiltajiet bejn kodebituri fil-kuntest ta' solidarjetà. F'dan ir-rigward, Areva SA ssostni, minn naħa, li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi bbażat ruħha fuq interpretazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni kuntrarja għall-intenzjoni ta' din tal-aħħar sabiex tagħti "soluzzjoni" li, mingħajr ma hija fondata ġuridikament, tippermettilha li tiċħad l-argumenti tar-rikorrenti dwar id-delega tas-setgħat tal-Kummissjoni. Ir-rikorrenti ssostni, min-naħa l-oħra, li s-soluzzjoni mogħtija mill-Qorti Ġenerali tikser il-prinċipji ġenerali ta' ċertezza legali u tal-individwalità tal-pieni.

Ir-raba' u l-aħħar motiv huwa bbażat fuq żball ta' liġi fir-rigward tal-applikazzjoni tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' trattament ugwali f'dak li jikkonċerna l-multa imposta *in solidum* fuq Areva SA. Ir-rikorrenti tqis li l-Qorti Ġenerali, billi ma użatx is-setgħa tagħha ta' ġurisdizzjoni sħiħa u billi kkonfermat attribuzzjoni tal-multi li ma tieħux inkunsiderazzjoni tat-tul tal-ksur imwettaq, kisret l-imsemmija prinċipji.

---

**Appell ippreżentat fil-25 ta' Mejju 2011 minn Alstom, T&D Holding, li kienet Areva T&D Holding SA, Alstom Grid SAS, li kienet Areva T&D SA, Alstom Grid AG, li kienet Areva T&D AG kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) mogħtija fit-3 ta' Marzu 2011 fil-Kawżi maqgħuda T-117/07 u T-121/07, Areva et vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-253/11 P)**

(2011/C 211/37)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Alstom, T&D Holding, li kienet Areva T&D Holding SA, Alstom Grid SAS, li kienet Areva T&D SA, Alstom Grid AG, li kienet Areva T&D AG (rappreżentanti: J. Derenne u A. Müller-Rappard, avukati)

*Il-partijiet l-oħra fil-proċedura:* Areva, Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tal-appellanti**

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (it-Tieni Awla) tat-3 ta' Marzu 2011 fil-Kawżi T-117/07 u T-121/07, Areva SA, Areva T&D Holding SA, Areva T&D AG, Areva T&D SA u Alstom vs Il-Kummissjoni Ewropea;

— fil-każ li tqis li l-kawża tinsab fi stat ta' deċiżjoni finali:

— prinċipalment, tannulla l-artikoli segwenti tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2006) 6762 tal-24 ta' Jannar 2007 (Każ COMP/38.899 — Switchgear insulat bil-gass):

— Artikolu 1(b) [Alstom],

— Artikolu 1(d) [Alstom Grid AG (ex-Areva T&D AG)],

— Artikolu 1(e) [T&D Holding (ex-Areva T&D Holding SA)],

— Artikolu 1(f) [Alstom Grid SAS (ex-Areva T&D SA)],

— Artikolu 2(b) [Alstom],

— Artikolu 2(c) [Alstom, Alstom Grid AG (ex-Areva T&D AG), T&D Holding (ex-Areva T&D Holding SA) u Alstom Grid SAS (ex-Areva T&D SA)];

— sussidjarjament, tnaqqas b'mod sostanzjali l-multi imposti fuq l-appellanti;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż, inklużi dawk marbuta mal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali;

— fil-każ li tqis li l-kawża ma tinsabx fi stat ta' deċiżjoni finali, tibgħat il-kawża mill-ġdid quddiem awla tal-Qorti Ġenerali komposta b'mod differenti u tirriżerva l-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

L-appellanti jinvokaw ħames aggravji insostenn tal-appell tagħhom.

Permezz tal-ewwel aggravju tagħhom, li jinvolvi żewġ partijiet, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 269 TFUE inkwantu ddeċidiet li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni kienet motivata b'mod suffiċjenti. F'dan ir-rigward, huma jikkritikaw, fl-ewwel lok, lill-Qorti Ġenerali talli deċidiet, fil-punti 90 sa 99 tas-sentenza mogħtija, li l-Kummissjoni kienet motivat b'mod suffiċjenti skont il-liġi l-konklużjoni tagħha ta' responsabbiltà flimkien u *in solidum* ta' Alstom ma' Areva T&D SA u Areva T&D AG, ibbażata fuq il-fatt li Alstom ma kienx irnexxielha taqleb il-preżunzjoni li hija tinfluwenza b'mod determinanti l-operat tas-sussidjarji tagħha, minkejja li l-Kummissjoni ma kinitx irrispondiet għall-elementi pprovduti minn Alstom sabiex taqleb din il-preżunzjoni (l-ewwel parti). Fit-tieni lok, l-appellanti jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali talli deċidiet, fil-punt 200 tas-sentenza mogħtija, li l-Kummissjoni setgħet ġustament ma tipprovdix motivazzjoni għar-raġunijiet li permezz tagħhom setgħet tiġi imposta multa *in solidum* fuq żewġ kumpanniji li ma jifformawx entità ekonomika fil-jum li ġiet adottata d-deċiżjoni.

Permezz tat-tieni aggravju tagħhom, l-appellanti jinvokaw il-ksur, mill-Qorti Ġenerali, tal-Artikoli 36 u 53 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, flimkien mal-Artikolu 263 TFUE, inkwantu l-Qorti Ġenerali tissotitwixxi, fil-punti 101 sa 110 (l-ewwel parti), 148 sa 150 (it-tieni parti) u 214 sa 216 (it-tielet parti) tas-sentenza, ir-*ratio* tagħha ma' dak tal-Kummissjoni billi żiedet *a posteriori* mad-deċiżjoni kkontestata motivi li ma jinsabux fiha. Bl-istess mod, Alstom *et* tikkritika lill-Qorti Ġenerali talli deċidiet, fil-punt 206 tas-sentenza kkontestata, li setgħet tiġi imposta multa *in solidum* fuq żewġ kumpanniji li ma jifformawx parti minn unità ekonomika fil-jum li ġiet adottata d-deċiżjoni (ir-raba' parti).

It-tielet aggravju, ibbażat fuq l-iffissar mill-Qorti Ġenerali ta' *probatio diabolica* bi ksur tal-Artikolu 101 TFUE, u b'mod partikolari bi ksur tar-regoli li jirregolaw l-imputabbiltà lil kumpannija parent tal-prattiki tas-sussidjarja tagħha u tal-prinċipji ta' dritt għal smigħ xieraq u tal-preżunzjoni ta' innoċenza stabbiliti fl-Artikoli 47 u 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, jinvolvi żewġ partijiet. L-appellanti jsostnu li:

(a) minn naħa, billi kkonfermat l-imputabbiltà tar-responsabbiltà tal-prattiki mwettqa mis-sussidjarji tagħha fuq il-kumpannija parent tagħhom Alstom u billi applikat il-prinċipji ġurisprudenzjali tal-preżunzjoni tal-eżerċizzju ta' influwenza determinanti, il-Qorti Ġenerali kisret, fil-punti 84 sa 110 tas-sentenza mogħtija, id-dritt għal smigħ xieraq u l-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza, billi użat, f'kuntest ta' imputabbiltà tar-responsabbiltà, definizzjoni tal-eżerċizzju ta' influwenza determinati ta' kumpannija parent fuq is-sussidjarja tagħha mingħajr l-ebda rabta ma' aġir effettiv fuq is-suq inkwistjoni u, għalhekk, billi tagħti natura inkonfutabbli lil din il-preżunzjoni;

(b) min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi, fil-punti 144 sa152 tas-sentenza mogħtija, fl-iffissar ta' eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti minn Areva T&D Holdings SA fuq Areva T&D SA u Areva T&D AG matul il-perijodu mid-9 ta' Jannar sal-11 ta' Mejju 2004.

Ir-raba' aggravju huwa bbażat fuq il-ksur, mill-Qorti Ġenerali, tal-kunċett ta' ħlas i*n solidum* inkwantu ddeċidiet, fil-punti 214 sa 216 tas-sentenza mogħtija li l-ħlas i*n solidum* jiddetermina l-parti tal-kontribuzzjonijiet rispettivi tal-kumpanniji li fuqhom ġiet imposta multa *in solidum* (l-ewwel parti) u inkwantu tikser, fil-punti 232 sa 236 u 238 sa 242 tas-sentenza kkontestata, il-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' individwalità tal-pieni kif ukoll l-Artikolu 13 TUE fir-rigward tad-delega mill-Kummissjoni tas-setgħa li tiddetermina r-responsabbiltà ta' kull impriża sanzjonata.

Il-ħames aggravju huwa bbażat fuq il-ksur mill-Qorti Ġenerali tal-obbligu tagħha li twieġeb għall-motivi zviluppati inkwantu hija twettaq żball, fil-punti 223 sa 230 tas-sentenza, fir-rigward tal-portata tal-motiv ibbażat fuq il-ksur tad-dritt għal rikors effettiv u għal protezzjoni ġudizzjarja u ma tweġibx għalhekk għall-motiv imqajjem iżda għal motiv ieħor li ma kienx tqajjem.

---

**Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' April 2011 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunale di Milano — l-Italja — Vitra Patente AG vs High Tech Srl**

**(Kawża C-219/09)** [1]

(2011/C 211/38)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

[1] ĠU C 205, 29.08.2009.

---